Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/2063(INI)

04.12.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika 2024
(2023/2063(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: René Repasi

Rapporteur għal opinjoni tal-kumitati assoċjati skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura:
Margarida Marques, Kumitat għall-Baġits

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 9

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika 2024 (2023/2063(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 136 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-TFUE dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 2 tat-TUE u t-TFUE dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli,

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1177/2011 tat-8 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1173/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1174/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fiż-żona tal-euro[4],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1175/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet tal-baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[5],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-

[1] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41.
[2] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 33.
[3] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 1.
[4] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 8.
[5] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 12.

Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi[6],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom[7],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro[8],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[9] (ir-Regolament dwar l-RRF),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" (COM(2021)0102),

– wara li kkunsidra l-Impenn Soċjali ta' Porto tas-7 ta' Mejju 2021 tal-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Parlament u s-sħab soċjali,

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni tal-Bord Fiskali Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2023 dwar il-pożizzjoni fiskali xierqa għaż-żona tal-euro fl-2024,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Bord Fiskali Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2023,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2022 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE (COM(2022)0583),

– wara li kkunsidra dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (COM(2023)0240),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (COM(2023)0241),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri (COM(2023)0242),

[6] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.
[7] ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1.
[8] ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11.
[9] ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta’ Granada adottata fis-6 ta’ Ottubru 2023,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta’ Novembru 2023 bit-titolu “Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2024” (COM(2023)0901),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-21 ta’ Novembru 2023 bit-titolu “Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta’ Twissija 2024” (COM(2023)0902) u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta’ Novembru 2023 għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro (COM(2023)0903),

– wara li kkunsidra l-proposta għal rapport konġunt dwar l-impjiegi tal-Kummissjoni u l-Kunsill tal-21 ta’ Novembru 2023 (COM(2023)0904),

– wara li kkunsidra t-Tbassir Ekonomiku tal-Ħarifa 2023, maħruġ mill-Kummissjoni fil-15 ta’ Novembru 2023,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2022),

A. billi skont it-tbassir tal-ħarifa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir tal-PDG fl-2023 huwa mistenni li jkun 0,6 % kemm fl-UE kif ukoll fiż-żona tal-euro u mistenni li jiżdied għal 1,3 % u 1,2 % fl-2024 rispettivament;

B. billi skont it-tbassir tal-ħarifa 2023 tal-Kummissjoni, is-suq tax-xogħol tal-UE kompla jkollu prestazzjoni qawwija fl-ewwel nofs tal-2023 minkejja t-tnaqqis fit-tkabbir ekonomiku, iżda n-nuqqas ta’ ħaddiema għadu akut f’xi setturi u okkupazzjonijiet; billi l-qgħad laqat livell baxx storiku fl-UE kollha kemm hi b’varjazzjoni fost l-Istati Membri;

C. billi l-inflazzjoni se tammonta għal 6,5 % fl-UE u 5,6 % fiż-żona tal-euro fl-2023 u hija mistennija li tonqos għal 3,5 % u 3,2 % fl-2024 rispettivament, skont it-tbassir tal-ħarifa 2023 tal-Kummissjoni;

D. billi l-proporzjon tad-dejn għall-PDG huwa mistenni li jonqos għal 83,1 % fl-UE (90,4 % fiż-żona tal-euro); billi l-proporzjon tad-dejn għall-PDG huwa mistenni li jonqos marġinalment fl-UE għal madwar 82,7 % fl-2024 u 82,5 % fl-2025;

E. billi rispons politiku rapidu, deċiżiv u kkoordinat ippermetta lill-ekonomija tal-UE tirkupra u tindirizza l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u ppermettielha tinnaviga l-kriżi tal-enerġija li rriżultat, it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fl-2023 u perjodu ta’ riskju u inċertezza għoljin, inkluż bħala riżultat tas-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani;

F. billi l-finanzjament tal-UE wera li huwa għodda essenzjali biex jipprovdi stabbilizzazzjoni makroekonomika fil-livell tal-UE u jżid ir-reżiljenza interna u esterna tiegħu fi żminijiet ta’ kriżi filwaqt li jappoġġja lill-Istati Membri fil-finanzjament tal-

investimenti meħtieġa fil-prijoritajiet tal-UE biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali u futuri;

Prospetti ekonomiċi għall-UE

1. Jesprimi tħassib dwar it-tkabbir dgħajjef fl-UE; jinnota l-impatt kontinwu tal-prezzijiet tal-enerġija u l-inflazzjoni fuq il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi u fuq il-kapaċità ta' prestazzjoni tal-kumpaniji tal-UE;

2. Jirrikonoxxi l-isforzi tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) biex inaqqas ir-rata tal-inflazzjoni fiż-żona tal-euro; iqis li ż-żidiet fir-rati tal-imgħax jindirizzaw parzjalment biss ir-raġunijiet għaż-żidiet fl-inflazzjoni u li huma meħtieġa politiki u riformi fiskali, strutturali u regolatorji adegwati u kkoordinati li jikkomplementaw l-azzjonijiet tal-politika monetarja tal-BĊE;

3. Jenfasizza li nuqqas ta' investimenti pubbliċi u privati f'ċerti Stati Membri qed ixekkel il-potenzjal tat-tkabbir sostenibbli; jenfasizza li dawn l-investimenti huma kruċjali għall-kapaċità tal-UE li tlaħħaq mal-isfidi eżistenti u żżid ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-UE matul l-isfidi li ġejjin;

Is-Semestru Ewropew u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)

4. Ifakkar li s-Semestru Ewropew huwa l-qafas stabbilit għall-koordinazzjoni tal-politiki baġitarji, ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi madwar l-Unjoni f'konformità mat-Trattati, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u b'hekk jissalvagwardja l-istabbiltà makroekonomika tiegħu u l-koeżjoni soċjali tiegħu;

5. Jinsab imħasseb dwar id-deterjorament tad-dimensjoni soċjali tas-Semestru Ewropew li jirriżulta mill-awtolimitazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs) u dwar l-għadd dejjem jonqos ta' CSRs soċjali bbażati fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali; jistieden lill-Kummissjoni torbot is-CSRs aktar mill-qrib mar-rapporti tal-pajjiżi rispettivi;

6. Jikkondividi l-fehma li s-CSRs għall-2024 jeħtieġ li jkunu ffukati fuq sett limitat ta' sfidi; jissottolinja li s-CSRs iridu jservu bl-istess mod biex itejbu l-kompetittività, jippromwovu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u jiżguraw il-ġustizzja soċjali; jenfasizza li s-CSRs jeħtieġ li jqisu l-vulnerabbiltajiet soċjali;

7. Jinsab imħasseb li, fil-prattika, is-sistema ta' finanzjament u verifika bbażata fuq il-prestazzjoni tal-RRF ftit li xejn tat kontribut f'termini ta' riżultati, u toħloq wisq burokrazija; jitlob aktar flessibbiltà biex jiġu aġġustati l-istadji importanti u l-miri biex jitqiesu t-tagħlimiet meħuda matul il-proċess ta' implimentazzjoni;

8. Jappoġġja s-simplifikazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE bi ħtiġijiet ta' investiment identifikati fl-ambitu tal-RRF u fis-CSRs; ifakkar li l-politika ta' koeżjoni sservi sett usa' ta' objettivi mill-RRF; jappella għal inkorporazzjoni komparabbli tal-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fl-abbozzar u l-implimentazzjoni tal-RRPs nazzjonali kif inhu l-każ għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni;

Riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE

9. Iqis li huwa neċessarju li jiġu riformati r-regoli fiskali tal-UE u jilqa' l-proposti mressqa mill-Kummissjoni;

10. Jissottolinja li r-riforma trid twassal għal simplifikazzjoni tal-qafas, tkun aktar speċifika għall-pajjiż u ssaħħaħ l-infurzabbiltà tiegħu, u tippermetti lill-Istati Membri jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' investiment pubbliku għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomiji tagħhom mingħajr ma timmina s-sostenibbiltà tad-dejn tal-gvern;

11. Jilqa' l-fatt li ttieħdu tagħlimiet mill-għażliet tat-tfassil tal-RRF fir-rabta tal-impenji fiskali, ta' riforma u ta' investiment nazzjonali mal-inċentivi finanzjarji tal-UE bħal għotjiet u self; jiddispjaċih ħafna li, għall-kuntrarju tal-RRF, ir-riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika ma għandhiex il-mekkaniżmi ta' inċentiv biex tappoġġja u tippromwovi r-riformi u l-investimenti tal-politika nazzjonali meħtieġa; jinsab imħasseb li xi Stati Membri mhux se jkollhom il-kapaċità finanzjarja li jiffinanzjaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta waħedhom;

12. Jiddeplora l-fatt li l-interazzjoni bejn l-iżbilanċi makroekonomiċi u r-regoli fiskali mhijiex indirizzata biżżejjed mill-proposti ta' riforma; jissottolinja li l-istabbiltà finanzjarja tal-UE tiddependi fuq il-bilanċ makroekonomiku bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri u li r-restawr ta' tali bilanċ jista' jirrikjedi nfiq pubbliku;

13. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu evitati defiċits eċċessivi dejjiema u jitlob li jkun hemm regoli komuni bbażati fuq kriterji oġġettivi bħala mod kif jintlaħaq dan l-għan; jisħaq li, min-naħa l-oħra, dawk ir-regoli ma għandhomx jipprekludu devjazzjonijiet temporanji mill-perkors tan-nefqa netta minħabba investimenti ddedikati, ġustifikabbli u strateġikament sinifikanti li jwettqu l-objettivi tal-UE;

14. Jirrikonoxxi d-differenzi bejn l-Istati Membri individwali rigward is-sostenibbiltà tad-dejn tagħhom u l-kapaċità tagħhom li jnaqqsu d-dejn filwaqt li xorta jkunu jistgħu jinvestu; jenfasizza għalhekk il-ħtieġa li l-Istati Membri jitħallew ikollhom perkorsi differenti għat-tnaqqis tad-dejn;

15. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tinnegozja mal-Istati Membri pjanijiet fiskali-strutturali individwali; jissottolinja li tali żieda fis-setgħa diskrezzjonali għall-Kummissjoni trid tkun akkumpanjata minn aktar responsabbiltà lejn il-Parlament Ewropew;

16. Iqis l-involviment aktar b'saħħtu tal-parlamenti nazzjonali fid-determinazzjoni tal-kontenut u l-votazzjoni dwar il-pjanijiet strutturali fiskali bħala mod sinifikanti biex tiżdied is-sjieda nazzjonali tal-pjanijiet strutturali fiskali;

17. Jirrikonoxxi li d-Djalogu Ekonomiku bħala parti mis-Semestru Ewropew jistabbilixxi pedament utli tal-obbligu ta' rendikont, iżda jqis li l-obbligu ta' rendikont xieraq jista' jinkiseb biss jekk il-Parlament Ewropew ikollu strumenti ta' responsabbiltà li jippermettulu japplika konsegwenzi bbażati fuq il-valutazzjoni tiegħu tal-prestazzjoni tas-Semestru Ewropew bħad-drittijiet ta' veto jew li l-Kummissarji jinżammu personalment responsabbli;

°

° °

18. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Is-Semestru Ewropew huwa eżerċizzju annwali biex jikkoordina l-politiki ekonomiċi u baġitarji tal-Istat Membru u għandu impatt wiesa' fuq il-politiki soċjali. Ir-rapport ta' inizjattiva dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fl-2024 jesprimi tħassib dwar it-tkabbir ekonomiku dgħajjef, jenfasizza l-impatt tal-prezzijiet tal-enerġija u l-inflazzjoni fuq il-kapaċità tal-akkwist, u jirrikonoxxi r-rwol tal-UE fl-istabbilizzazzjoni tal-ekonomija matul il-kriżijiet. Ir-rapporteur jenfasizza l-ħtieġa ta' politiki fiskali, strutturali u regolatorji kkoordinati, kif ukoll investimenti pubbliċi u privati. L-aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2024 huma partikolarment importanti minħabba l-kuntest tal-inċertezza kkaratterizzat minn żieda fl-inflazzjoni u fl-għoli tal-ħajja minħabba l-invażjoni Russa tal-Ukrajna, kif ukoll il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi li għaddejjin bħalissa kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 u s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani.

Fir-rapport, huwa espress tħassib dwar rati ta' tkabbir dgħajfa fl-UE minħabba l-impatt kontinwu tal-prezzijiet tal-enerġija u l-inflazzjoni fuq il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi u l-prestazzjoni tal-kumpaniji tal-UE. L-isforzi tal-BĊE biex jindirizza l-inflazzjoni huma rikonoxxuti iżda jissuġġerixxi li r-rati tal-imgħax li qed jogħlew waħedhom mhumiex biżżejjed; huma meħtieġa politiki fiskali, strutturali u regolatorji kkoordinati biex ikun jista' jiġi miġġieled l-ambjent mifni mill-kriżi. It-test jenfasizza li l-investimenti pubbliċi u privati insuffiċjenti f'ċerti Stati Membri jimpedixxu t-tkabbir sostenibbli, filwaqt li jenfasizza r-rwol kritiku ta' dawn l-investimenti fit-tisħiħ tar-reżiljenza, ir-robustezza u l-kompetittività tal-UE fost l-isfidi.

Barra minn hekk, ir-rapporteur jiddiskuti kwistjonijiet relatati mas-Semestru Ewropew, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), u jipproponi riformi għall-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, inkluża l-ħtieġa għas-simplifikazzjoni, l-infurzabbiltà, u l-appoġġ għal tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Filwaqt li jirrikonoxxi t-tagħlimiet mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), ir-rapporteur jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' mekkaniżmi ta' inċentivi simili fir-riforma proposta tal-qafas ta' governanza ekonomika. Tqajjem tħassib dwar il-kapaċità finanzjarja ta' xi Stati Membri biex jiffinanzjaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali meħtieġa b'mod indipendenti. Iqum aktar tħassib dwar it-tnaqqis tad-dimensjoni soċjali minħabba l-awtolimitazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) u, b'riżultat ta' dan, għadd dejjem jonqos ta' rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. Ir-rapporteur jirrakkomanda CSRs iffukati għall-2024, b'enfasi fuq ir-rwol tagħhom fit-tisħiħ tal-kompetittività, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u l-ġustizzja soċjali, filwaqt li jitqiesu l-vulnerabbiltajiet soċjali. Ġie nnutat tħassib dwar l-ineffiċjenza u l-burokrazija tas-sistema bbażata fuq il-prestazzjoni tal-RRF. Ir-Rapport annwali tas-Semestru ta' din is-sena jappoġġja l-allinjament tal-politiki ta' koeżjoni tal-UE mal-RRF u s-CSRs, filwaqt li jħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza (NRRPs) simili għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni.

Ir-rapporteur jiddeplora l-attenzjoni insuffiċjenti mogħtija lill-interazzjoni bejn l-iżbilanċi makroekonomiċi u r-regoli fiskali, filwaqt li jenfasizza l-importanza li dan jiġi indirizzat għall-istabbiltà finanzjarja tal-UE, li potenzjalment teħtieġ infiq pubbliku. Huwa jirrikonoxxi l-ħtieġa li jitrażżan l-infiq pubbliku biex jiġu evitati defiċits eċċessivi, filwaqt li jissuġġerixxi limitazzjonijiet ibbażati fuq kriterji oġġettivi, b'ċerti nefqiet allokati għal investimenti meħtieġa biex jiġu eżentati.

Barra minn hekk, il-finanzjament strett ibbażat fuq il-prestazzjoni u s-sistema ta' verifika tal-RRF jitqiesu bi ħassib, peress li hija meħtieġa aktar flessibbiltà bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi ta' investiment miftiehma. Dan huwa saħansitra aktar meħtieġ jekk il-programmi tal-politika ta' koeżjoni għandhom jiġu ssimplifikati mal-ħtiġijiet ta' investiment tal-RRF. Ir-riforma tar-regoli fiskali tal-UE għandha rwol kruċjali fl-iżviluppi futuri tal-politiki ekonomiċi u baġitarji tal-Istati Membri kif ukoll il-ħtieġa għal aktar responsabbiltà, involviment tal-parlamenti nazzjonali, u strumenti xierqa għall-Parlament Ewropew biex iżomm lill-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-prestazzjoni tas-Semestru Ewropew.